MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-21 ta' April, 2008

Talba Numru. 921/2007

**Albert FS Manduca Limited – C247**

**Vs**

**Presidential Holdings Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u hmistax Euro u sitta u disghin centezmu (€1,515.96) – sitt mija u hamsin liri Maltin u tmenin centezmu (Lm650.80c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra s-socjeta' konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' kovenuta thallas is-somma ta' elf, hames mija u hmistax Euro u sitta u disghin centezmu (€1515.96) – sitt mija u hamsin liri Maltin u tmenin centezmu (Lm650.80) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------